16 ta' Novembru, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Victor Cretien *versus* Fortunata Zammit Tabona et.

**Suċċessjoni — Konjuġi Superstiti — Rinunzja — Akkrexximent — Eredità Ġjaċenti — Reversjoni Legali — Art. 864, 865 (1) u 744 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-konjuġi superstiti huwa sempliċement suċċessur tal-beni, u mhux eredi, u kwindi mhux kontinwatur tal-persuna tal-konjuġi predefunt. Hu m'għandux parti mill-eredità, imma biss parti mill-beni, tal-konjuġi l-mejjet. Għalhekk ma humiex applikabili fil-każ tal-konjuġi superstiti d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-akkrexximent; għax dawn huma applikabili biss fil-każ ta' ko-eredi jew kollegatarji.*

*Għaldaqstant, ukoll, fil-każ ta' konjuġi superstiti li jikkonkorri fuq il-wirt tal-konjuġi l-mejjet flimkien ma' l-eredi leġittimi ta' dak il-konjuġi l-mejjet, jekk dawn l-eredi leġittimi jirrinunzjaw għall-wirt tal-mejjet ma jistax jingħad li l-eredità kollha tiddevolvi b'effett ta' akkrexximent a favur tal-konjuġi superstiti li jitlob dak li jmissu minn dik l-eredità, u li għalhekk dik l-eredità mhix ġjaċenti. Għall-kuntrarju, sakemm dik l-eredità ma tiġix aċċettata minn dawk li skond il-liġi huma eredi, dik l-eredità hija ġjaċenti, u l-konjuġi superstiti għandu jitlob dak li jmissu minnha fil-kontradittorju ma' l-eredità ġjaċenti rappreżentata minn kuratur.*

*Imma jekk l-eredi tal-konjuġi l-mejjet jitolbu li jiġu mneħħijin barra mill-kawża fuq il-motiv li huma għad ma aċċettawx l-eredità, u fost dawk l-eredi leġittimi jkun hemm il-ġenituri tal-konjuġi l-mejjet u jkun hemm lok għall-kwistjoni tar-reversjoni legali tad-*

*dota, dawk l-eredi leġittimi għandhom jiġu mneħħijin barra mill-kawża, imma l-ġenituri, wagt li jiġu mneħħijin barra mill-kawża bħala eredi, għandhom jibqgħu fiha għall-finijiet tal-kwistjoni tar-reversjoni legali.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi fl-20 ta' Frar 1951 mietet mingħajr testment Violetta Cretien, martu, u s-suċċessjoni tagħha ddevolviet ruħha, barra minnu, lill-konvenuta Fortunata Zammit Tabona, ommha, u lill-konvenuti l-oħra, ħutha; u illi minħabba xi kwistjonijiet ma setgħetx issir id-diviżjoni bonarja tal-wirt tagħha; u huwa ma jridx jibqa' aktar fil-komunjoni; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti li saru bejnu u l-imsemmija martu, billi jiġi dikjarat li dawn jikkonsistu fis-sustanzi li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; (2) dawn l-akkwisti jiġu diviżi f'żewġ porzjonijiet indaqs, li waħda minnhom tiġi assenjata lilu u l-oħra lill-wirt partikulari ta' l-imsemmija martu; (3) jiġi likwidat il-wirt partikulari ta' l-imsemmija Violetta Cretien, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'dak li jirriżulta mill-provi; (4) dan il-wirt partikulari jiġi diviż, u jiġi assenjat terz lilu u l-kumplament lill-konvenuti f'porzjonijiet indaqs bejniethom; (5) jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjonijiet u d-diviżjonijiet fuq mitluba, nutar biex jippublika l-kuntratt relativ, u kuraturi biex jirrappreżentaw lil-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew inġunti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-25 ta' April 1953, li biha rrespingiet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; billi kkunsidrat;

Illi jirriżulta li fl-20 ta' Frar 1951 mietet, mingħajr testment u mingħajr tfal, Violetta Cretien, imwielda Zammit Tabona, li kienet mart l-attur, bint il-konvenuta Fortunata Zammit Tabona, u oħt il-konvenuti l-oħra. B'din l-azzjoni, miġjuba l-quddiem fil-31 ta' Lulju 1951, l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u d-diviżjoni ta' l-assi ereditarju tad-decujus. Fis-27 ta' Settembru 1951 il-konvenuti, omm u ħut Violetta

Cretien, irrinunzjaw għall-wirt tagħha. Minħabba din ir-rinunzja, il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu ġie għall-konklużjoni illi l-eredità kollha tinsab il-lum devoluta kollha favur l-attur, b'konsegwenza illi ma hemmx lok għal ebda kuratur għall-eredità ġjaċenti u għal ebda likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet li wasal fihom il-perit legali. Infatti bil-mewt tad-decujus mingħajr testment u mingħajr tfal, l-eredità ta' l-istess decujus għaddiet għand il-konvenuti maħruġa barra mill-kawża, u għand l-attur, suċċessuri tad-decujus għal dik l-eredità, in kwantu għal żewġ terzi għand dawk il-konvenuti, suċċessuri leġittimi, bis-saħħa ta' l-art. 852 tal-Kodiċi Ċivili, u in kwàntu għal terz lill-attur, suċċessur irregolari, bis-saħħa ta' l-art. 865 ta' l-istess Kodiċi. Dawk il-konvenuti rrinunzjaw għal dik l-eredità, jew aħjar għall-kwota tagħhom minnha, u dik il-kwota ereditarja, hekk rinunzjata, għaddiet għand l-attur, kif jingħad aktar 'il quddiem. Dan il-passaġġ, kif issottometta l-perit legali, jittieħed ukoll bħala argument mill-art. 896 tal-Kodiċi ġa msemmi, li jiddisponi illi f'każ li l-werrieta ma jaqblux bejniethom dwar jekk għandhomx jaċċettaw il-wirt jew jirrinunzjaw għalieħ, dak li jaċċetta jikseb waħdu l-jeddijiet kollha u jieħu fuqu l-piżijiet, u għalhekk, ladarba l-konvenuti rrinunzjaw għall-wirt, l-attur, li aċċettaħ, kif sejjer ingħad, kiseb waħdu l-istess wirt;

Jingħad ukoll illi, bir-rinunzja ta' dawk il-konvenuti, ġie illi qiesu d-decujus mietet mingħajr ma ħalliet parenti; u f'dan il-każ, li għalieħ "bisogna assimilare quello in cui i parenti non succedono, il coniuge raccoglie tutta la successione" (Baudry-Lacantinerie, Delle Successioni, Vol. I, para. 535). "Per conoscere la........ natura dei diritti di successione del coniuge, bisogna considerare non la qualità dei parenti lasciati dal defunto, ma la qualità di quelli che vengono effettivamente alla sua successione. Se dunque tutti i parenti rinunciano........ il coniuge succede in piena proprietà" (loc. cit., para. 536);

Illi ġew sollevati l-obbjezzjonijiet illi l-attur għadu ma aċċettax il-kwota rinunzjata mill-istess konvenuti, u illi dawn

il-konvenuti għad jistgħu jirtiraw ir-rinunzja u jaċċettaw dik il-kwota ta' l-eredità;

Dwar l-ewwel obbjezzjoni jingħad illi ma hemmx dubju illi l-attur aċċetta l-kwota tal-wirt li ġiet tmiss lilu bħala suċċessur tad-decujus. L-aċċettazzjoni tal-wirt tista' tkun tant espressa kemm taċita, u hija taċita meta tkun tidher minn xi att li bilfors ifisser li hemm il-volontà ta' l-aċċettazzjoni tal-wirt (art. 891 Kod. Ċivili). Issa, l-att ta' l-attur li ppropona din il-kawża hu biżżejjed biex jammonta għal aċċettazzjoni tas-sehem li jmissu skond il-liġi minn dak il-wirt. U ladarba l-attur ma rrinunzjax għal dak is-sehem, anzi aċċettaħ, huwa lanqas ma jista' jirrinunzja u ma jaċċettax ukoll il-kwoti mill-istess wirt rinunzjati mill-istess konvenuti, suċċessuri oħra tad-decujus, li akkrexxew favur tiegħu minħabba dik ir-rinunzja tagħhom. "La quota del rinunciante è attribuita alle persone che la legge chiama in sua mancanza......... Questa regola si applica tanto alle successioni irregolari come a quelle devolute a veri eredi" (Baudry-Lacantinerie, Successioni, Vol. II, para. 1640);

Dwar it-tieni obbjezzjoni jingħad illi, skond il-liġi (art. 908 Kod. Ċivili), il-konvenuti oriġinarji, li rrinunzjaw għall-wirt, jistgħu dejjem jaċċettawħ kemm il-darba l-jedd ta' dina l-aċċettazzjoni ma jkunx spiċċa kontra tagħhom bil-preskrizzjoni, u l-wirt ma jkunx ġie aċċettat minn ħaddieħor. U kif ġa ntqal, l-attur aċċetta dak il-wirt, kompriża l-kwota li kienet tispetta minnu lill-konvenuti ġa msemmijin, u li dawn irrinunzjaw; u ladarba huwa aċċettaħ, ma jistgħux iżjed dawk il-konvenuti rinunzjanti jaċċettawħ;

Illi b'dana l-mod, minħabba r-rinunzja ġa msemmija, ma hemmx lok li jiġu eżaminati u riżoluti l-obbjezzjonijiet l-oħra sollevati mill-attur u msemmija mill-perit legali; għaliex "dal momento della rinunzia non può intentarsi azione alcuna contro l'erede rinunziate da parte dei creditori o dei co-eredi. Le azioni contro di lui non possono venire continuate contro gli eredi o contro il curatore dell'eredità giacente, ai quali non sono opponibili..........." (loc. ċit., Vol. II, para. 1633). "Dopo la rinunzia, il successibile non può fare più alcun atto concernente la eredità" (Laurent, Diritto Civile, Vol.

IX, para. 435);

Illi għalhekk *l-eredità* ta' *Violetta* Cretien, bir-rinunzja tal-konvenuti oriġinarji, parenti tagħha, għaddiet kollha għand l-attur, li aċċettaha, u konsegwentement m'hijiex ġjaċenti, u ma hemmx lok għal ebda likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assijiet imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Rat fil-fol. 52 il-petizzjoni ta' l-attur, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata, u li jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-konklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti tinsab bażata fuq il-presuppost erroneu li l-attur għandu, fil-konfront ta' l-eredità ta' martu, li mietet mingħajr testment u mingħajr tfal, u għas-sehem li tagħtih il-liġi, il-kwalità ta' eredi;

Hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza li l-konjuġi superstiti ma hux eredi. Din il-Qorti, presjeduta mill-President Sir Arturo Mercecа, fil-kawża "Zammit vs. Grech", 26 ta' Marzu 1928, akkoljiet l-insenjamenti dottrinali tal-Laurent, li jikkommenta liġi simili għal dik maltija; fis-sens li l-konjuġi huwa sempliċi suċċessur tal-beni, iżda mhux eredi u kontinwatur tal-persuna tad-decujus. Dan hu anki l-insenjament tal-Pothier (*Successioni, Capo VI, paġ.* 463, col. 2nda. *in fin.).* L-istess Qorti, similment presjeduta, fil-kawża "Borg utrinque", 30 ta' Marzu 1936, reġgħet irrbadiet l-istess konċett illi l-konjuġi superstiti ma għandux "pars haereditatis", imma biss "pars *bonorum*", u ċċitat, b'approvazzjoni, dak li ġie ritenut mill-Qorti ta' Bologna (ċitat fil-Fadda, Comm. art. 735-757, para. 125), fis-sens li d-dritt tal-konjuġi superstiti huwa "jus singulare ad instar legitimae", ossija "jus sui generis *in re aliena*". Fl-istess sens hu l-insenjament ta' l-awturi Cattaneo e Borda (Comm. art. 754);

Hu ta' min josserva wkoll li, kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża "Camilleri utrinque" fit-18 ta' Marzu 1892, allura presjeduta mill-istess leġislatur, Sir Adrian Dingli, id-dispożizzjoni ta' l-art. 526 ta' l-Ordinanza

VII ta' l-1868 (il-lum art. 864 Kap. 23 Ediz. Riv.), bħad-dispożizzjonijiet l-oħra in materja art. 329, 330, 331 u 332 (il-lum art. 668, 669, 670 u 671 Kap. 23), huma in sostanza r-riproduzzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenuti fil-paragrafi 41 sad-49 tal-Capo I, Libro IV, tal-Kodiċi De Rohan, b'ċerti modifikazzjonijiet intiżi biss biex jirrendu aktar ċara l-applikazzjoni tagħhom. Issa, jekk wieħed jeżamina dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Muniċipali, mhux talli ma jsib xejn li jista' jiġġustifika li l-konjuġi superstiti jitqies li għandu l-kwalità ereditarja, imma anki ripetutament il-lokuzzjoni użata hija "una porzione dei beni"; tant meta tkun f'użufrutt biss, kemm ukoll meta tkun fi proprjetà. Mentri proprju fil-paragrafu 38 (tliet paragrafi qabel) il-kliem użati għar-rigward tat-tfal huma diversi; jintqal infatti "nelle successioni ab intestato i figli e le figlie che vorranno succedere..........";

Hu anki utili r-rikjam għall-art. 885 (1) tal-Kap. 23, li jgħid hekk:— "L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li l-liġi tagħti............. lil żewġ jew mart il-mejjet, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato..........." Kieku si trattava ta' suċċessjoni, allura l-liġi ma kienetx issejħilha "sehem tal-beni", u kienet tħalliha kompriża fil-lokuzzjoni ġenerika tal-kliem "biex jintalab wirt..........." Jekk il-konjuġi superstiti ma hux eredi, allura hu ċar li ma jistgħux jiġu applikati, fil-każ in ispeċje, id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-akkrexximent, għax dawn huma applikabili biss fil-każ ta' ko-eredi jew kollegatarji (art. 744 Kap. 23 Ediz. Riv.). Jekk omm u ħut il-mejta Violetta Cretien irrinunzjaw għall-wirt tagħha, dan jista' biss ifisser illi l-"pars bonorum" li jieħu l-attur tiġi regolata diversament fl-entità tagħha, konformement għall-art. 865 u 866 idem, skond id-diversi ipotesijiet hemm viżwalizzati; vwoldiri mhux minħabba d-dritt ta' akkrexximent, imma għax tkun tbiddlet l-ipotesi ta' fatt kif regolata mill-ipotesi tal-liġi;

Jekk il-konjuġi superstiti ma hux, kif ma hux, eredi, allura hi wkoll skorretta l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti li l-eredità, malgrado r-rinunzja tal-persuni oriġinarjament konvenuti (omm u ħut il-mejta) ma hix ġjaċenti, għax tinsab kollha

kemm hi devoluta għall-attur. Sakemm dik l-eredità ta' Violetta Cretien ma tiġix aċċettata minn dawk li skond il-liġi huma eredi (dawk oriġinarjament konvenuti jew parenti oħra reoħra skond il-liġi), għax huma fil-kliem tal-liġi suċċessuri "regolari" (mentri l-konjuġi hu b'liġi suċċessur irregolari), dik l-eredità hi korrettament ritenuta bħala ġjaċenti (art. 944 idem); u għalhekk il-kuratur ta' dik l-eredità hu kontradittur leġittimu, "rebus sic stantibus", għall-istanzi ta' l-attur;

Kwantu għall-pont tar-reversjoni tad-dota favur omm il-mejta, hu ċert li din il-kwistjoni għandha tidħol fil-ġudizzju tal-likwidazzjoni, li hu universali. Biżżejjed wieħed jirrifletti li, jekk jinsab li hemm lok għal din ir-reversjoni legali, allura jkun konness magħha l-pont tas-somom li l-attur għandu tal-volta d-dritt li jiddeduċi mid-dota għall-ispejjeż ta' l-aħħar marda u għall-funerali tad-decujus (art. 1353 idem); u jkun konness ukoll il-pont l-ieħor tal-kwota tad-dejn li jkollha tħallas l-omm bis-saħħa tas-subartikolu no. 3 ta' l-art. 851 idem —kollha punti li jinteressaw il-likwidazzjoni tal-passiv; u konsegwentement hu ċar li meta l-konvenuti oriġinarji, fosthom l-omm, irrinunzjaw il-wirt, u l-Qorti ħarġithom mill-kawża u nnominat il-kuratur ta' l-eredità ġjaċenti, il-Qorti kien imissha żammet fil-ġudizzju l-omm, allura konvenuta, għall-finijiet tal-pont tar-reversjoni legali, inkluż impliċitament fil-ġudizzju likwidatorju. Dan ikun jista' jiġi rimedjat billi l-Ewwel Qorti ssejjaħ fil-kwża lill-omm il-mejta in segwitu għal din id-deċiżjoni;

Għalhekk il-pożizzjoni hi din: il-ġudizzju "rebus sic stantibus" għandu jitkompla kontra l-eredità ġjaċenti, sakemm l-eredità ma tiġix aċċettata minn suċċessur leġittimu jew regolari—f'liema każ dan is-suċċessur isir hu stess kontradittur leġittimu flok il-kuratur; omm Violetta Cretien għandha tissejjaħ fil-kawża għall-finijiet tal-pont tar-reversjoni legali, bil-konsegwenzi tagħha għar-rigward tad-dejn ta' l-eredità u tad-deduzzjoni, "si et quatenus", ta' spejjeż li seta ħareġ l-attur għall-aħħar marda u għall-funeral ta' l-istess Violetta Cretien. Il-kwota ta' l-attur tkun dik li tgħid il-liġi fil-kontinġenzi minnha prospettati ta' konkors ta' persuni diversi msejħa bħala suċċessuri regolari. Il-pont tar-responsabilità ta' l-attur

għad-dejn ta' l-eredità għandu jiġi kunsidrat ukoll fil-ġudizzju likwidatorju, fis-sens li tiġi riżoluta l-kwistjoni jekk l-attur hux eżenti minn dak il-ħlas, kif jirritjenu x'uħud, jew, kif jirritjenu oħrajn, għandux ikun responsabili, għalkemm mhux bħala eredi, għax mhux tali, però in bażi għall-prinċipju li l-assi hu dak li jibqa' "deducto aere alienó" (ara sent. fuq ċitata "Borg vs. Borg");

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tirrimetti l-attijiet lill-Ewwel Qorti sabiex din tipproċedi oltre, previja l-kjamata in kawża ta' l-omm, fis-sens u għall-finijiet tal-konsiderazzjonijiet premessi;

L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-kuratur nomine; dawk ta' l-Ewwel Istanza jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.